

Minn Viċi-Parroċċa għall-Parroċċa

# *Moviment Marjan Ibbidel it-Titular*

**Niki Papagiorcopulo**

Fil-ktieb tiegħu *Decrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, miktub fl-1886, Achille Ferris jirreferi għal tliet knejjes ġewwa l-lokalità ta' San Ġiljan. Dawn kienu l-Knisja ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, mibnija mill-Prijur tal-Lombardija Fra Raffeale Spinola, viċin tal-palazz tiegħu; il-Knisja tal-Madonna tal-Karmelu mibnija f'post imsejjaħ tal-Ballut, gjuspatronat tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta u Knisja iddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija Verġni. Dan l-awtur jispjega li din il-knisja kienet tissejjaħ ukoll Ta' Lapsi, u jkompli li dan l-isem probabbilment li ġie mogħti lill-knisja minħabba kwadru li jirraffigura it-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema, xogħol ta' Raffaele Caruana[1].



**Il-kwadru titulari l-antik magħmul fl-1855, xogħol ta' Antonio Falzon, rigal lill-knisja mill-Prokuratur tagħha Dr. Michele Parnis.**

Madwar 250 sena qabel, eżattament fit-8 ta' Ottubru 1634, il-Vigarju Kapitulari Monsinjur Salvatore Pontremoli, f'viżta pastorali fl-istess knisja jispjega li dan l-isem kien ġej minn tradizzjoni qawwija. Fis-solennita' ta' Lapsi madwar 2000 ruħ minn diversi inħawi tal-madwar kienu jinġabru fil-knisja fejn kienu jiġu ċelebrati diversi Quddisiet. Wara li kienu jgħidu d-devozzjonijiet tagħhom, in-nies kienu jinżlu fil-bajja u jieħdu l-ewwel għawma tas-sajf. Minħabba il-popolarita' ta' din it-tradizzjoni bdew jiġu ċċelebrati fl-istess knisja l-Primi Vespri u Quddiesa Kantata f'dan il-jum[2].

Ferris izid, li din il-knisja sa mill-qedem kienet dedikata lil San Ġiljan. L-ewwel knisja kienet mibnija madwar is-sena 1580 u kienet imkabbra fl-1682. Fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Sant fl-1848 ingħatat it-titlu ta' knisja viċi-parokkjali u ġiet imkabbra fl-1852, b'Mons. Sant jikkontribwixxi s-somma ta' 150 scudi[3] . Ġiet imbierka mill-Prepostu ta' Birkirkara Dun Ġużepp Debono nhar il-20 ta' Frar 1853, b'delegazzjoni ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjatiċi[4].

Wieħed hawnekk jistaqsi: għalfejn din il-knisja, li mill-viżta ta' l-Isqof Gargallo[5] fl-1601 kienet iddedikata lill-Qaddis Ospidalier f'daqqa waħda ġiet iddedikata lill-Assunżjoni tal-Verġni Imbierka? Diversi sorsi jagħtuna ħjiel fuq moviment li ħabbrek sabiex it-titular tal-knisja jinbidel fiż-żmien li fih San Ġiljan sar viċi-parroċċa. Fost dawn insibu diversi riferenzi lejn il-festa ta' Santa Marija li kienet tiġi ċċelebrata nhar il-15 t'Awissu f'din il-knisja. Dawn ir-riferenzi juruna biċ-ċar li l-festa ta' Santa Marija rabbiet l-għeruq, minkejja li d-devozzjoni lejn il-Qaddis Konfessur San Ġiljan kienet, fi kliem Ferris stess, antichissima.

Il-gazzetta The Malta Mail ta' nhar id-19 ta' Awissu 1842 taċċenna għal viżta li l-Gvernatur Sir Henry Bonverie għamel lill-Onorevoli Sur Aspinalt fid-dar tiegħu tal-villeġġatura f'San Ġiljan, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Dakinhar diversi djar kienu mixgħula u nħaraq ukoll xi logħob tan-nar. Fost ħafna attivitajiet saret ukoll il-ġostra. Diversi kienu dawk li ħadu sehem biex jippruvaw jirbħu is-somma ta' għaxar dollari u l-Gvernatur tant daħal fl-ispirtu ta' din il-logħba tradizzjonali li offra ukoll somma oħra minn butu bħala tieni premju[6].

Il-gazzetta L'Ordine f'diversi snin tirraporta fuq din il-festa li kienet qed issir dejjem aktar popolari. Fl-edizzjoni tal-21 ta' Awissu 1852 il-gazzetta tirrapporta li lejliet l-Għid ta' l-Assunta, l-Katidral, il-Kon-Katidtral ta' San Ġwann u ħafna paroċċi, kif ukoll il-villaġġ ta' San Ġiljan kienu mixgħula għall-okkażjoni

li fiha spikka il-Palazz ta' Spinola, li kien qed iservi bħala villa tal-Ġiżwiti[7]. Sentejn wara, l-istess gazzetta tat rapport sħiħ fuq l-istess festa ċċelebrata fil-knisja riċentement imkabbra. Ħafna nies inġabru għall-funżjonijiet fil-knisja, fejn taw sehem kbir il-Ġiżwiti flimkien ma' l-istudenti tagħhom. Il-ġurnalista għal darb'oħra aċċena għall-Palazz ta' Spinola li ġie mdawwal kemm lejliet u nhar il-festa[8].

Festa partikolarment speċjali kienet dik tas-sena 1855. Il-festa kienet preċeduta minn kwindiċina, li fiha, f'kull ġurnata, kienu jitkantaw is-Salve, il-litaniji u kienet tingħata l-Barka Sagramentali. Nhar is-solennità l-Ġiżwiti kantaw il-Matutin u l-Laudi fis-sebgħa ta' filgħodu u wara ġiet iċċelebrata quddiesa minn Rev. P. Schembri li ġiet segwita minn diversi quddisiet oħra tant li in-numru ta' dawk li tqarbnu kien il-fuq minn 300. Filgħaxija il-funzjonijiet fil-knisja bdew bir-reċitar tar-rużarju li ġie segwit mill-paniġierku li intiseġ mir-Rev. Dr. Carlo Falzon, u mill-Via Crucis. Wara l-aljievi tal-Ġiżwiti, akkumpanjati bil-mużika, kantaw il-Vespri, is-Salve, il-litaniji u it-Tantum Ergo li kien segwit mill-Barka Sagramentali. Lejliet din il-festa ġie imqiegħed f'postu wara l-artal maġġur kwadru ġdid li kien jirraffigura t-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Imbierka, b'żewġ qaddisin oħra fin-naħa t'isfel tal-kwadru, fuq ix-xellug l-Appostlu tal-Ġnus Pawlu u fuq il-lemin, akkumpanjat miċ-ċerva, San Ġiljan Ospidalier. Il-kwadru, xogħol ta' Antonio Falzon u rregalat lill-knisja mill-prokuratur tagħha – l-Medico di Polizia, Dr. Michele Parnis ġie ammirat minn diversi persuni preżenti[9].


**L-istatwa ta' Santa Marija fuq in-naħa t'isfel taz-zuntier tal-knisja. Probabbilment xogħol ta' Salvatore Dimech.**

Fis-sena 1857 il-festa kienet iċċelebrata b'mixgħela[10]. Sentejn wara fl-istess okkażjoni l-Viċi-Parroku Xerri mexxa l-festa li inkludiet l-Vespri Solenni, Quddiesa Kantata u paniġierku. Il-knisja kienet armata bl-aħjar mod u attendew ħafna nies minħabba ż-żelu u l-impenn ta' dan ir-ragħaj spiritwali li ddedika ħajtu lejn din il-knisja. Fl-1860 l-istess festa ġiet iċċelebrata fil-lokalità permezz tal-funzjonijiet fil-knisja, il-mixgħela, logħob tan-nar u l-logħba tradizzjonali tal-ġostra.[11] Iżda din saret fil-Ħadd ta' wara il-15 t'Awissu. L-istess ġara fis-sena ta' wara meta Xerri għamel rikors lill-Papa Piju IX biex il-Ħadd fuq il-15 ta' Awissu jiċċelebraw l-istess liturġija tas-solennità ta' l-Assunta[12].

Din id-devozzjoni Marjana jidher li ddaħħlet fi żmien li Dun Ġużepp Xerri ġie magħżul sabiex jagħti s-servizz pastorali bħala viċi-parroku ta' San Ġiljan meta din il-knisja ingħatat farka ta' awtonomija mill-Kolleġġjata ta' Santa Elena ta' Birkirkara. Patri Alexander Bonniċi, fir-riċerka estensiva tiegħu fuq il-parroċċa tagħna fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċentinarju tagħha, jidher li wasal għal din l-istess konklużjoni tiegħi[13]. Kien Xerri, li qabel ma ġie San Ġiljan kien prokuratur tad-Duluri fil-Kolleġġjata Elenjana[14], li daħħal dan il-moviment Marjan fil-knisja ta' San Ġiljan, liema moviment kien wassal sabiex jinbidel it-titular tal-knisja.

Minkejja dan il-moviment qawwi, wara is-sena 1860 ma nsibux iżjed informazzjoni fuq il-festa ta' Santa Marija. Id-devozzjoni li kellha għeruq sodi sa mill-viżta ta' Gargallo qatt ma naqqset milli tibqa' fi qlub il-Ġiljaniżi u d-devoti ta' San Ġiljan Ospidalier. It-tradizzjoni antika marbuta man-nixxiegħa fil-bajja ta' San Ġiljan kienet għadha tiġi prattikata fl-1853. Xhieda ta' dan hija ittra miktuba minn raġel Ingliz f'The Malta Times, li naqas li jifhem is-sinjifikat ta' din it-tradizzjoni u għalhekk iddefinieha bħala: a barbarous custom[15]. Meta San Ġiljan wasal biex isir parroċċa x-xewqa tal-poplu kienet li t-titular jerġa lura għal San Ġiljan Ospidalier u Konfessur. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kienet bdiet fi ħdan din il-knisja u din tat isem lil dawn l-inħawi. Din id-dedikazzjoni ma kellha tinbidel qatt aktar.

Il-festa ta' San Ġiljan bdiet tiġi ċċelebrata bil-pompa kollha. Fl-1877 ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 26



Il-festa ta' San Ġiljan bdiet tiġi ċċelebrata bil-pompa kollha. Fl-1877 ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 26 t'Awissu. Il-funzjonijiet tal-knisja kienu animati mill-mużika ta' l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Malfiggiani, filwaqt li l-festi esterni kienu karatterizzati minn illluminazzjonijiet, ġostri, logħob tan-nar u marċijiet mill-Banda La Nazionale Vincitrice u l-baned ta' Birkirkara u tal-Furjana[16].
Diversi opri ta l-arti fil-Knisja ta' Lapsi għadhom sa llum jixhdu għal dan iż-żmien li fih il-knisja kienet dedikata lill-Assunta, fosthom in-*Nome di Maria* skulturata fil-ġebel fuq in-nava prinċipali tal-knisja, oħra fl-injam fuq il-pulptu li llum jinsab għal wiri fis-sagristija ż-żgħira tal-knisja, u tnejn oħra inċiżi fuq il-fontijiet ta' l-ilma imbierek fuq kull naħa tal-knisja. Fuq in-naħa ta' fuq taz-zuntier tal-knisja wieħed josserva ukoll li fix-xogħol tal-ħadid tal-gallerija ta' dik li kienet id-dar tal-kappillan, jew kif kienu jafuha fl-antik id-*Domus Curialis*, naraw ukoll in-*Nome di Maria*.

Dawn, minbarra l-kwadru titulari l-antik li jinsab ikkonservat fis-sagristija ta' l-istess knisja, irrestawrat fil-bidu tas-snin 90 minn Manwel Zammit, u l-istatwa tal-ġebel ta' l-Assunta fuq in-naħa t'isfel taz-zuntier li fuq il-pedestall tagħha hemm irħama li tgħid: "L-Arċisqof u l-Isqof ta' Malta Mons. Fra Geatano Pace Forno bid-digriet tiegħu tal-25 ta' Settembru 1869 jagħti indulġenza ta' 40 jum lil min jgħid Ave Maria quddiem din ix-xbieha". Din l-istatwa ġiet restawrata fl-2001 minn Chris Micallef u mill-istil tagħha jista jkun li inħadmet minn Salvatore Dimech magħruf bħala Is-Sarċ.



**In-*Nome di Maria*, skulturata fuq l-arkata prinċipali tal-knsija u fuq il-pulptu, inċiża fl-irħam tal-fontijiet ta' l-ilma mbierek, u maħduma fil-ħadid tal-gallerija tad-*Domus Curialis* l-antika.**


RIFERENZI:
(Endnotes)

1 ACHILLE FERRIS, Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo, Malta 1866, 326-7.
2 AAF VP (Pontremoli, 1634).
3 ACHILLE FERRIS, Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo, Malta 1866, 326-7.
4 L'Ordine 21.VIII.1852.
5 AAF VP (Gargallo, 1601) (II) (4.IX.1601).
6 The Malta Mail 19.VIII.1842
7 L'Ordine 25.VIII.1852.
8 Ibid, 18.VIII.1854.
9 Ibid, 17.VIII.1855.
10 Ibid, 21.VIII.1857.
11 Ibid, 24.VIII.1860.
12 ALEXANDER BONNICI, Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942, f'San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991, idejat minn Stanley Fiorini, Malta 1992, 149-181.
13 Ibid, 154.
14 WINSTON L. ZAMMIT, Dun Ġużepp Xerri DD (1823-1897). L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan, Malta 1997, 5.
15 The Malta Times 02.VIII.1853.
16 L'Ordine 31.VIII.1877.